II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tal-24 ta' Ottubru 2008

### dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal ażil mressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera

(2009/487/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (1)(a) tiegħu, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1]

Billi:

(1) Fis-27 ta' Frar il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati, f'isem il-Komunità, mal- Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar Protokoll dwar il-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewopea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (minn issa msejjaħ "il-Protokoll"). Dawn in-negozjati ġew finalizzati.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2008, u soġġett għall-konklużjoni finali tiegħu f'data aktar 'il quddiem, dan il-Protokoll ġie ffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea fit-28 ta' Frar 2008.

(3) Il-Protokoll għandu jkun approvat.

(4) Id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll fir-rigward tal-Iżvizzera huwa relatat mad-dħul fl-effett tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [2] ta' Schengen u tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal ażil mressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera [3].

(5) Id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll fir-rigward tal-Liechtenstein huwa relatat mad-dħul fl-effett tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein mal-*acquis* ta' Schengen") u tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u

[1] L-Opinjoni tat-8 ta' Lulju 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[3] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.

l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal ażil mressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein mal-*acquis* ta' Dublin"). B'konsegwenza ta' dan, id-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni fir-rigward tal-Liechtenstein m'għandux isir qabel l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein mal-*acquis* ta' Schengen u tal-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein mal-*acquis* ta' Dublin.

(6) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) F'konformià mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal ażil mressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera huwa approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiddepożita f'isem il-Komunità l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Komunità sabiex tintrabat fir-relazzjonijiet tagħha mal-Iżvizzera.

2. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiddepożita f'isem il-Komunità l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Komunità sabiex tintrabat fir-relazzjonijiet tagħha mal-Liechtenstein. Id-depożitu ta' dan l-istrument m'għandux isir qabel ma l-Kunsill ikun approva, f'isem il-Komunità Ewropea u f'isem l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein mal-*acquis* ta' Schengen u, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein mal-*acquis* ta' Dublin.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Ottubru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE